Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 6/2007

**Dr Luciano Busuttil u martu Dorothy Busuttil Fitzpatrick**
**Vs**
**Joshua Grima ezercenti l-kummerc bhala Mobile Phone Centre**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta’ Jannar 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ mija u erbghin lira (Lm140) rapprezentanti valur ta’ mobile phone mixtri minghand il-konvenut li zviluppa difetti mohbija li baqghu ma gewx rimedjati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-16 ta’ Frar 2007, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma kif rikjesta fl-ammont ta’ mija u erbghin lira (Lm140) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta’ din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------